



Brussell, it-13 ta' Lulju 2020
REV2 – jissostitwixxi l-avviż
(REV1) bid-data tad-19 ta'
Diċembru 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE FIL-QASAM TAL-GASSIJET FLUWORURATI B'EFFETT TA' SERRA

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar "pajjiż terz"¹. Il-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi² perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, id-dritt tal-UE fl-intier tiegħu japplika għar-Renju Unit u fih³.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinneqozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprevedi b'mod partikolari żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, ma hemmx ċertezza dwar jekk hux se jsir ftehim bħal dan li jidħol fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li, f'dak li għandu x'jaqsam mal-kundizzjonijiet tal-aċċess għas-suq, ser tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern⁴, fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni ġuridika applikabbli wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni (il-Parti A hawn taħt). Dan l-avviż jispjega wkoll ċerti dispożizzjonijiet ta' separazzjoni rilevanti tal-Ftehim dwar il-Ħruġ (il-Parti B aktar 'l isfel), kif ukoll ir-regoli applikabbli għall-Irlanda ta' Fuq wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni (Parti C aktar 'l isfel).

Avviż lill-partijiet ikkonċernati:

Biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, il-partijiet ikkonċernati huma b'mod partikolari rrakkomandati li:

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż li mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 ("Il-Ftehim dwar il-Ħruġ").

³ Soġġett għal ċerti eċċezzjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁴ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprovdi għal kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonossiment reċiproku, il-"prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini", u l-armonizzazzjoni. U ftehim ta' kummerċ ħieles lanqas ma jneħħi l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

- jivvalutaw il-konformità kontinwata mas-sistema ta' kwoti dwar it-tqegħid ta' fluworoidrokarburi fis-suq tal-UE;
- jiżguraw il-konformità mal-obbligi ta' rapportar u ta' reġistrazzjoni fir-rigward tal-importazzjoni, l-esportazzjoni u l-produzzjoni ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra;
- jiżguraw li r-rapporti ta' verifika annwali jitfasslu minn awditur akkreditat minn korp ta' akkreditazzjoni tal-ETS fl-UE jew minn awditur akkreditat biex jivverifika rapporti finanzjarji skont il-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tal-UE;
- jiżguraw il-konformità ma' rekwiżiti ta' stabbiliment għar-rappreżentanti biss;
- jiżguraw li l-kumpaniji u l-persunal ta' servizz u jkollhom iċ-ċertifikati u l-attestazzjonijiet ta' taħriġ maħruġa minn Stat Membru tal-UE.

Innota li:

Dan l-avviż ma jindirizzax

- ir-regolament tal-UE dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu;
- ir-regoli tal-UE dwar l-iskambju tal-kwoti tal-emissjonijiet;
- il-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-sustanzi kimiċi.

Għal dawn l-aspetti, qegħdin jitħejjew avviżi oħrajn filwaqt li oħrajn ġew ippubblikati⁵.

Barra minn hekk, qiegħda tinġibed l-attenzjoni lejn l-avviż aktar ġeneriku dwar il-projbizzjonijiet u r-restrizzjonijiet, fosthom il-liċenzji tal-importazzjoni/esportazzjoni.

A. IS-SITWAZZJONI ĠURIDIKA WARA TMIEM IL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE fil-qasam tal-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, u b'mod partikolari r-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra⁶ mhumiex se jibqgħu japplikaw għar-Renju Unit⁷. Dan iwassal, b'mod partikolari, għall-konsegwenzi li ġejjin:

⁵ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

⁶ ĠU L 150, 20.5.2014, p. 195.

⁷ Rigward l-applikabilità tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 għall-Irlanda ta' Fuq, ara l-Parti C ta' dan l-avviż.

1. L-ALLOKAZZJONI TAL-KWOTA GĦAL IDROFLUWOROKARBURI

Skont ir-Regolament (UE) Nru 517/2014, it-tqegħid fis-suq tal-idrofluworokarburi huwa limitat permezz ta' kwoti allokati mill-Kummissjoni għal kull produttur u importatur skont l-Artikolu 16(5) ta' dak ir-Regolament⁸.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-idrofluworokarburi mqiegħda fis-suq tar-Renju Unit ma jibqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 u ma jibqgħux jgħoddu għall-kwota allokata mill-Kummissjoni lill-produtturi u l-importaturi. Bħal kwalunkwe kumpanija oħra mhux fl-UE b'rappreżentant legali fl-Unjoni⁹, il-kumpaniji bbażati fir-Renju Unit se jibqgħu jirċievu kwoti għat-tqegħid ta' idrofluworokarburi fis-suq tal-UE, abbażi tal-ishma storiċi tagħhom mis-suq tal-UE-27¹⁰ jew abbażi ta' dikjarazzjoni ta' intenzjoni dwar it-tqegħid ta' idrofluworokarburi fis-suq¹¹.

Bħala parti mill-miżuri ta' tħejjija tagħha, il-Kummissjoni ġabret data mingħand kumpaniji stabbiliti fir-Renju Unit bejn it-18 ta' Jannar u t-18 ta' Mejju dwar is-sehem storiku tagħhom mis-suq tal-UE-27. Barra minn hekk, is-sehem mis-suq tal-UE fil-konfront tar-Renju Unit inġabar mill-kumpaniji kollha li rrapportaw għas-snin 2018 u 2019, abbażi ta' regoli ta' rapportar modifikati¹². Din id-*data* se tippermetti l-iffissar ta' valuri referenzjarji li jirriflettu s-suq tal-UE-27 f'dawk is-snin sabiex jiġu allokati kwoti għall-kumpaniji eliġibbli kollha fuq dik il-bażi għas-snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

⁸ Il-kwoti għall-kumpaniji eżistenti għall-perjodu sal-31 ta' Diċembru 2020 huma kkalkolati abbażi tal-valuri ta' referenza stabbiliti fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1984 tal-24 ta' Ottubru 2017 li, f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, tiddetermina l-valuri ta' referenza għall-perjodu mill-1 ta' Jannar 2018 sal-31 ta' Diċembru 2020 għal kull produttur jew importatur li jkun qiegħed idrofluworokarburi fis-suq b'mod legali mill-1 ta' Jannar 2015, kif irrapportat skont dak ir-Regolament, ĠU L 287, 4.11.2017, p. 4.

⁹ L-Artikolu 16(5) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

¹⁰ L-Artikolu 16(3) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

¹¹ L-Artikolu 16(2),(4) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

¹² Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/522 tas-27 ta' Marzu 2019 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1191/2014 fir-rigward tar-rapportar ta' *data* dwar il-produzzjoni u l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet ta' polioli li fihom idrofluworokarburi skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, ĠU L 86, 28.3.2019, p. 37.

2. RAPPORTAR DWAR IL-GASSIJET FLUWORURATI B'EFFETT TA' SERRA PRODOTTI, IMPORTATI JEW ESPORTATI FIL-PERJODU TA' RAPPORTAR LI JIBDA WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANZIZZJONI¹³

2.1. Il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u gassijiet oħra elenkati fl-Anness II prodotti, importati jew esportati

Skont l-**Artikolu 19(1) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014**, il-produtturi, l-importaturi u l-esportaturi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u gassijiet elenkati fl-Anness II għandhom jirrapportaw *ċerta data* kull sena, sal-31 ta' Marzu. Dan l-obbligu japplika wkoll għall-impriżi stabbiliti f'pajjiżi terzi. Fir-rigward tar-rapportar dwar is-snin li jibdew minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika dan li ġej:

- L-impriżi stabbiliti fir-Renju Unit li jimportaw jew jesportaw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u gassijiet u gassijiet oħra elenkati fl-Anness II lejn u mill-UE huma impriżi minn pajjiż terz. Dawn l-impriżi se jeħtiġilhom jirrapportaw id-*data* rilevanti meħtieġa mir-Regolament (UE) Nru 517/2014 permezz ta' rappreżentant uniku bbażat fl-UE¹⁴.
- L-impriżi stabbiliti fl-UE għandhom jirrapportaw il-merkanzija mir-Renju Unit u lejh bħala importazzjoni lejn l-UE jew esportazzjoni mill-UE.

2.2. Il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u gassijiet oħra elenkati fl-Anness II li jinsabu fi prodotti jew tagħmir iċċarġjat minn qabel, li jltqieghdu fis-suq tal-UE

Skont l-**Artikolu 19(4) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014**, impriżi li jltqieghdu gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u l-gassijiet elenkati fl-Anness II inklużi fi prodotti jew tagħmir fis-suq tal-UE għandhom jirrapportaw *ċerta data* kull sena, sal-31 ta' Marzu. Fir-rigward tar-rapportar dwar is-sena li tibda minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika dan li ġej:

- L-impriżi li jimportaw tali prodotti fir-Renju Unit mhumiex se jibqgħu jirrapportaw din id-*data*.
- L-impriżi li jirrapportaw tali prodotti fl-UE mir-Renju Unit se jkollhom jirrapportaw tali kummerċ bħala importazzjoni.

2.3. Il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u l-gassijiet elenkati fl-Anness II gassijiet fluworurati b'effett ta' serra meqruda użati bħala materja prima

Skont l-**Artikolu 19(2) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014**, l-impriżi li jkunu qerdu jew użaw *ċertu ammont* ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra bħala materja prima fl-Unjoni għandhom jirrapportaw dan kull sena, sal-31 ta' Marzu, għas-sena kalendarja preċedenti. L-użu jew il-qerda ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra f'pajjiżi terzi jaqgħu lil hinn mill-kamp ta'

¹³ Dwar l-obbligi ta' rapportar li jkopru l-aħħar sena tal-perjodu ta' tranżizzjoni, ara l-parti B ta' dan l-avviż.

¹⁴ Ara t-taqsim A.5 ta' dan l-avviż.

applikazzjoni ta' dak ir-Regolament. Fir-rigward tar-rapportar dwar is-sena li tibda wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-impriżi li jeqirdu jew jużaw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra bħala materja prima fir-Renju Unit mhux se jkollhom jirrapportaw dawn l-attivitajiet.

3. OBBLIGU TA' REĠISTRAZZJONI

Qabel ma jibdew iwettqu l-attivitajiet li jridu jiġu rrapportati skont l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, l-impriżi jridu jirreġistraw fuq is-sit web tal-Kummissjoni biex jibdew jużaw l-għodda elettronika tar-rappurtar¹⁵.

4. RAPPORT TA' VERIFIKA, AKKREDITAZZJONI TAL-AWDITURI

Skont l-Artikolu 19(6) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, il-produtturi, l-importaturi u l-esportaturi ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom jagħmlu disponibbli r-rapporti ta' verifika, fuq talba, lill-awtorita kompetenti tal-Istat Membru kkonċernat u lill-Kummissjoni. Dawn ir-rapporti ta' verifika għandhom jifasslu minn awditur akkreditat skont id-Direttiva 2003/87/KE jew minn awditur akkreditat biex issir verifika tar-rapporti finanzjarji skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

Barra minn hekk, skont l-Artikolu 19(5) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, kull importatur ta' tagħmir iċċarġjat minn qabel għandu jippreżenta dokument ta' verifika maħruqa minn awdituri akkreditati, skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014. Skont l-Artikolu 14(2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, l-awditur irid ikun akkreditat b'konformita mad-Direttiva 2003/87/KE jew akkreditat li jivverifika rapporti finanzjarji skont il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru kkonċernat.

Fir-rigward tal-awdituri akkreditati b'konformita mad-Direttiva 2003/87/KE, il-United Kingdom Accreditation Service mhuwiex se jibqa' korp ta' akkreditazzjoni fit-tifsira u għall-finijiet tar-Regolament (UE) 2018/2067 u tar-Regolament (KE) Nru 765/2008 wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. B'konformita ma' dan, iċ-ċertifikati ta' akkreditazzjoni tiegħu mhumiex se jibqgħu validi jew rikonoxxuti fl-UE wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni.

Minħabba f'hekk, wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni,

- l-awdituri akkreditati mill-United Kingdom Accreditation Service skont id-Direttiva 2003/87/KE; kif ukoll
- awdituri akkreditati biex jivverifikaw r-rapporti finanzjarji b'konformita mal-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit

ma jistgħux jibqgħu jfasslu rapporti ta' verifika biex jiġu ppreżentati skont l-Artikolu 19(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

¹⁵ L-Artikolu 1(2) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1191/2014 tat-30 ta' Ottubru 2014 li jiddetermina l-format u l-mezzi għall-preżentazzjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar gassijiet fluworurati b'effett ta' serra, ĠU L 318, 5.11.2014, p. 5.

5. “RAPPREŻENTANT UNIKU” FIL-KAŻ TAL-IMPORTAZZJONIJIET U TAL-PRODUZZJONI

Skont l-Artikolu 16(5) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, l-allokkazzjonijiet ta' kwoti fir-rigward tat-tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi fl-UE minn kumpanija mhux tal-UE jirrikjedu “rappreżentant uniku” stabbilit fl-UE.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-idrofluworokarburi mqiegħda fis-suq tal-UE minn kumpanija stabbilita fir-Renju Unit jirrikjedu “rappreżentant uniku” stabbilit fl-UE.

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-rappreżentanti stabbiliti fir-Renju Unit mhumiex se jibqgħu jittqiesu bħala “rappreżentanti uniċi” għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

6. PERSUNI U IMPRIŻI ĊERTIFIKATI

Skont l-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, ċerti operaturi ta' tagħmir li fih gassijiet fluworurati b'effett ta' serra għandhom jiżguraw li dan it-tagħmir jiġi kkontrollat għal tnixxijiet. Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 4(2), uħud minn dawn il-kontrolli għandhom isiru minn persuni ċertifikati.

Skont l-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, l-operaturi ta' ċertu tagħmir stazzjonarju jew ta' unitajiet ta' refriġerazzjoni għandhom jiżguraw li l-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra jitwettaq minn persuni fiżiċi li jkollhom iċ-ċertifikat.

Skont l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, l-irkupru ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra minn tagħmir tal-arja kondizzjonata f'vetturi tat-triq li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/40/KE għandu jitwettaq minn persuni b'attestazzjoni ta' taħriġ.

Skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, l-Istati Membri tal-UE jridu jistabbilixxu:

- programmi ta' ċertifikazzjoni għall-impriżi li jwettqu l-installazzjoni, l-għoti ta' servizz, il-manutenzjoni, it-tiswija jew id-dekummissjonar tat-tagħmir elenkat fil-punti (a) sa (d) tal-Artikolu 4(2) għal partijiet oħra;
- programmi ta' ċertifikazzjoni għal persuni fiżiċi li jwettqu dawk l-attivitajiet; kif ukoll
- programmi ta' taħriġ għal persuni fiżiċi li jirkupraw gassijiet fluworurati b'effett ta' serra minn tagħmir ta' arja kondizzjonata f'vetturi bil-mutur li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/40/KE.

Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 10(10), iċ-ċertifikati u l-attestazzjonijiet ta' taħriġ li jinħarġu minn Stat Membru jiġu rikonoxxuti reċiprokament għal attivitajiet imwettqa fi Stati Membri oħra tal-UE.

Minn tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, iċ-ċertifikati u l-attestazzjonijiet ta' taħriġ li jinħarġu mir-Renju Unit ma jibqgħux rikonoxxuti fir-rigward ta' attivitajiet imwettqa fl-UE.

B. ID-DISPOŻIZZJONIJIET TA' SEPARAZZJONI RILEVANTI TAL-FTEHIM DWAR IL-ĦRUĠ

L-Artikolu 96(3) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ jipprevedi li l-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 jkompli japplika għar-Renju Unit u fih fir-rigward tar-rapportar għall-aħħar sena tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

Skont l-Artikolu 96(6)(b) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, sa fejn ikun meħtieġ b'rabta mal-konformità mal-Artikolu 96(3), l-impriżi fir-Renju Unit se jibqgħu jkollhom aċċess għall-għodda ta' rapportar abbażi tal-format stabbilit fl-Anness tar-Regolament (UE) Nru 1191/2014 għall-finijiet tal-ġestjoni u r-rapportar dwar il-gassijiet fluworurati b'effett ta' serra.

Għaldaqstant, għall-għan uniku tal-obbligi ta' rapportar stipulati fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) Nru 517/2014 fir-rigward tal-aħħar sena tal-perjodu ta' tranżizzjoni,

- l-impriżi stabbiliti fir-Renju Unit jitqiesu bħala impriżi stabbiliti fl-UE;
- japplikaw l-iskadenzi rilevanti (il-31 ta' Marzu u t-30 ta' Ġunju 2021).

C. REGOLI APPLIKABBLI FL-IRLANDA TA' FUQ WARA TMIEM IL-PERJODU TA' TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, japplika l-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq¹⁶. Il-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq huwa soġġett għal kunsens perjodiku tal-Assemblea Leġiżlattiva tal-Irlanda ta' Fuq, fejn il-perjodu inizjali ta' applikazzjoni jestendi sa 4 snin wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni¹⁷.

Permezz tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq ċerti dispożizzjonijiet tal-liġi tal-UE huma applikabbli wkoll għar-Renju Unit u fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq. Fil-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq, l-UE u r-Renju Unit qablu wkoll li sa fejn ir-regoli tal-UE japplikaw għar-Renju Unit u fih fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, l-Irlanda ta' Fuq tiġi ttrattata daqslikieku kienet Stat Membru¹⁸.

Il-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi li r-Regolament (UE) 517/2014 japplika għar-Renju Unit u fih, fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq¹⁹.

Dan ifisser li r-referenzi għall-UE fil-Partijiet A u B ta' dan l-avviż għandhom jinftiehem bħala li jinkludu l-Irlanda ta' Fuq, filwaqt li r-referenzi għar-Renju Unit għandhom jinftiehem li jirreferu biss għall-Gran Brittanja.

B'mod aktar speċifiku, dan ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġejj:

¹⁶ L-Artikolu 185 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ.

¹⁷ L-Artikolu 18 tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁸ L-Artikolu 7(1) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ flimkien mal-Artikolu 13(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

¹⁹ L-Artikolu 5(4) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq u t-Taqsima 26 tal-Anness 2 ta' dan il-Protokoll.

- It-tqegħid fis-suq u l-użu fl-Irlanda ta' Fuq ta' gassijiet fluworurati b'effett ta' serra u ta' gassijiet elenkati fl-Anness II tar-Regolament (UE) Nru 517/2014, kif ukoll prodotti speċifiċi u tagħmir li jkun fih, jew li l-funzjonament tagħhom jiddependi fuq, tali gassijiet iridu jkunu konformi mar-Regolament (UE) Nru 517/2014;
- It-tqegħid fis-suq ta' idrofluworokarburi fis-suq tal-Irlanda ta' Fuq jgħodd fil-kwota stipulata mir-Regolament (UE) Nru 517/2014; Barra minn hekk, it-tqegħid fis-suq fl-Irlanda ta' Fuq ta' idrofluworokarburi ċċarġjati minn qabel f'tagħmir imsemmi fl-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament, irid jitqies fis-sistema ta' kwoti u jiġi ddokumentat minn dikjarazzjoni ta' konformità;
- Il-merkanzija mill-Irlanda ta' Fuq lejn l-UE mhumiex importazzjoni għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 517/2014;
- Il-merkanzija mill-UE lejn l-Irlanda ta' Fuq mhumiex esportazzjoni għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 517/2014;
- Il-merkanzija mir-Renju Unit jew pajjiż terz lejn l-Irlanda ta' Fuq huma importazzjoni għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 517/2014;
- Il-merkanzija mill-Irlanda ta' Fuq lejn il-Gran Brittanja²⁰ mhumiex importazzjoni għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 517/2014;
- L-għażla ta' rappreżentant uniku fl-Irlanda ta' Fuq jissodisfa r-rekwiżit tal-istabbiliment fl-UE għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.

Madankollu, il-Protokoll tal-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq jeskludi l-possibbiltà li, fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit:

- jipparteċipa fit-teħid ta' deċiżjonijiet u fit-tfassil ta' deċiżjonijiet tal-Unjoni²¹;
- jinwoka l-prinċipju tal-pajjiżi ta' oriġini jew ta' rikonossiment reċiproku għall-korpi stabbiliti fir-Renju Unit²². Madankollu, il-protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq jipprevedi għall-eċċezzjonijiet għal dan il-prinċipju²³.

B'mod aktar speċifiku, dan l-aħħar punt ifisser, fost l-oħrajn, dan li ġej:

- L-akkreditazzjoni tal-awdituri:
 - L-awdituri akkreditati minn korps ta' akkreditazzjoni fir-Renju Unit ma jistgħux ifasslu rapporti ta' verifika biex jiġu ppreżentati skont l-Artikolu

²⁰ L-obbligi fir-rigward tal-esportazzjoni fir-Regolament (UE) Nru 517/2014 (reġistrazzjoni u rapportar) huma rikjesti mill-obbligi internazzjonali tal-Unjoni (ara l-Artikolu 6(1) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq).

²¹ Fejn ikun hemm bżonn ta' skambju ta' informazzjoni jew konsultazzjoni reċiproka, dawn għandhom iseħħu fil-grupp ta' ħidma konsultattiv konġunt stabbilit mill-Artikolu 15 tal-Protokoll tal-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

²² L-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq.

²³ It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 7(3) tal-Protokoll dwar l-Irlanda / l-Irlanda ta' Fuq.

19(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014. Iżda l-awdituri stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq, akkreditati minn korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni fi Stat Membru tal-UE skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2018/2067 u tar-Regolament (KE) Nru 765/2008, jistgħu jfasslu rapporti ta' verifika għall-operaturi sakemm l-operaturi jkunu stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq għall-preżentazzjoni tagħhom skont l-Artikolu 19(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014. L-awdituri stabbiliti fl-Irlanda ta' Fuq, akkreditati minn korp nazzjonali tal-akkreditazzjoni fi Stat Membru tal-UE ma jistgħux ifasslu rapporti ta' verifika għall-operaturi stabbiliti fl-Istati Membri tal-UE.

- L-awdituri akkreditati biex jivverifikaw rapporti finanzjarji skont il-leġislazzjoni tar-Renju Unit ma jistgħux ifasslu rapporti ta' verifika biex jiġu ppreżentati skont l-Artikolu 19(5) u (6) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014.
- Iċ-ċertifikazzjoni ta' persuni u impriżi:
 - Il-persuni fl-Irlanda ta' Fuq, ċertifikati minn programm ta' ċertifikazzjoni stabbilit mir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq jistgħu jwettqu l-attivitajiet imsemmija fl-Artikolu 4(1) u (2) l-Artikolu 8(1) u (3) tar-Regolament (UE) Nru 517/2014;
 - Il-persuni fl-UE ma jistgħux jiġu ċertifikati minn programm ta' ċertifikazzjoni stabbiliti mir-Renju Unit fil-konfront tal-Irlanda ta' Fuq.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar gassijiet fluworurati (https://ec.europa.eu/clima/policies/f-gas_mt) jipprovdi informazzjoni ġenerali f'dan ir-rigward. Dawn il-paġni se jiġu aġġornati b'aktar informazzjoni fejn meħtieġ.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat-Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika